MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1443/2005

**N. Cordina Marketing Limited (C14215)**

**Vs**

**Belleview Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm193.28c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merca bl-ingrossa mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz u ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-Nota ta’ Ammissjoni pprezentata fid-19 ta’ Settembru, 2005 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta ammettiet it-talba kif kontenuta fil-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm193.28c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------